MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Numru 224/2006

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Mallia)

vs

Pier (Pier Paul) Buttigieg

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 195874M, akkuzat talli:

1. bejn it-30 ta’ April 2002 u l-1 ta’ Mejju 2002 f’xi hin bejn il 5.45pm u s-6.30am, f’San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta’ vettura tal-marka Ford Fiesta, registrazzjoni numru CAG 073, liema serq hu ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-

detriment tal-kumpanija ‘Impex Ltd’ tal-Mosta u ta’ Giuseppe Maria Cardona minn San Pawl il-Bahar;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-Lm50 u cioe’ fl-istess vettura tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni CAG 073, a detriment tal-kumpanija ‘Impex Ltd’ tal-Mosta u ta’ Giuseppe Maria Cardona minn San Pawl il-Bahar;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
4. irrenda ruhhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jittrattaw is-serq, il-hsara volontarja u r-ricettazzjoni (din l-ahhar imputazzjoni in alternattiva ghal dik tas-serq) u r-recidiva. Il-prova unika kontra l-imputat ghal dak li jirrigwarda s-serq hi impronta digitali wahda li instabet fuq barra tal-vettura in kwistjoni precisament fuq il-bieba tax-xufier minn barra. Altrimenti, l-provi juru li kienu tnejn minn nies ta’ sess maskili gewwa l-vettura misruqa u fil-kors li kienet qeghdha tinstaq eventwalment thalliet abbandunata Bieb il-Belt wara l-kjosks. Minn kienu dawn iz-zewg persuni baqa’ mistur. Il-persuna li rathom gewwa l-vettura u sahhansitra segwithom sal-post fejn thalliet abbandunata ma identifikat lill-hadd minnhom. Minn dan il-kwadru tal-fatti l-uniku fattur li jista’ jigi dedott hu li l-imputat kien f’xi hin vicin il-vettura izda altru li minn

dina l-prova wahdanija jista' konklusivament jinghad li l-imputat kien wiehed miz-zewg irgiel li seraqha.

Ghaldaqstant, tiddicidi li il-provi ma jwaslux ghall-konvicju u konsegwentement tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------